MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 1069/1994/2

Epifanio *sive* Effie, Carmelo, Paolo, Giuseppa Tanti u Katerina Mula, aħwa **CASCUN**

vs

Alfred u Anthony aħwa **CASCUN**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-18 ta' Awissu, 1994, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) tillikwida u taqsam il-wirt ta' kull wieħed mill-ġenituri tagħhom biex kull wieħed u waħda mill-partijiet tingħata s-sehem tagħha mill-istess wirtijiet; (b) jekk ikun il-każ, tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni tal-ġid immobbli, f'każ li dan ma jistax jinqasam bejniethom mingħajr xkiel; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrek Anthony Cascun jaqsam magħhom is-sehem tagħhom mill-flejjes tal-wirt li jinsabu f'idejh;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fid-19 ta' Settembru, 1994, li biha l-imħarrkin Anthony u Alfred Cascun laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li billi Anthony Cascun huwa l-eżekutur testamentarju tal-wirt tal-ġenituri tiegħu, kulma qiegħed iżomm f'idejh li jappartieni lil dawk il-wirtijiet qiegħed iżommu bħala eżekutur; żiedu jgħidu li huma jaqblu li ssir il-qasma tal-wirt;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-4 ta' Novembru, 1994[1], li bih ħatret lill-Perit Arkitett Michael Anġelo Refalo bħala perit tekniku;

Rat ir-Rapport imressaq mill-imsemmi Perit Tekniku fl-20 ta' Settembru, 1995[2], minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tal-31 ta' Ottubru, 1995;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-25 ta' Marzu, 1996, li bih l-imħarrek Anthony Cascun intrabat li jressaq Nota b'lista ta' effetti mobbli u flejjes appartenenti lill-wirt u li jinsabu fil-pussess tiegħu;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fis-16 ta' April, 1996[3], b'lista ta' oġġetti mobbli li ħallew il-ġenituri tagħhom;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek Anthony Cascun waqt is-smigħ tal-11 ta' Diċembru, 1996[4], bit-tagħrif imsemmi fil-verbal tal-25 ta' Marzu, 1996;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek Anthony Cascun fit-30 ta' Jannar, 1997[5], bi provi dokumentali mehmużin magħha;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-18 ta' Mejju, 1998[6], li bih ħatret lil Albert Rizzo biex jagħti stima tal-ħwejjeġ imsemmija fin-Nota mressqa mill-atturi fis-16 ta' April, 1996;

---

[1] Paġ. 22 tal-proċess
[2] Paġġ. 32 sa 40 tal-proċess
[3] Paġġ. 54 sa 60 tal-proċess
[4] Paġġ. 70 – 4 tal-proċess
[5] Paġġ. 76 sa 80 tal-proċess
[6] Paġ. 106 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-18 ta' Jannar, 2002[7], fuq talba magħmula b'rikors ta' wħud mill-atturi kontra l-attur Paul Cascun, li bih ċaħdet it-talba biex tordna lill-istess attur Paul Cascun li jħott xi benefikati li huwa tella' f'immobbli li jagħmel mill-wirt matul is-smigħ tal-kawża mingħajr il-kunsens tagħhom;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Ottubru, 2003[8], li bih u fuq talba magħmula imll-atturi b'rikors tagħhom tat-3 ta' Ġunju, 2003, bidlet lill-istimatur Albert Rizzo b'Moses Sammut, liema ħatra reġgħet inbidlet fuq talba tal-atturi b'degriet tas-27 ta' April, 2004[9], fejn inħatar Joseph Sammut bħala stimatur tal-mobbli tal-wirt;

Rat l-istima mressqa mill-imsemmi Joseph Sammut fl-14 ta' Frar, 2005[10], u minnu maħlufa kif imiss fit-13 ta' Jannar, 2006;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-26 ta' Jannar, 2006, li fih l-avukat difensur tal-atturi iddikjara li huma joqogħdu fuq l-istima mogħtija mill-istimatur;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Jannar, 2006, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għal-likwidazzjoni u l-qsim ta' wirt. Il-partjiet f'din il-kawża huma lkoll aħwa, u l-atturi jridu li l-wirt ta' kull wieħed mill-ġenituri tagħhom jkun likwidat u l-ġid li joħroġ jinqasam bejniethom;

Illi l-imħarrkin – li huma tnejn mill-aħwa maħtura bħala werrieta mill-ġenituri tagħhom flimkien ma' ħuthom l-atturi – qalu li jaqblu li ssir il-qasma, iżda jżidu jgħidu li l-aħwa

[7] Paġ. 122 tal-proċess
[8] Paġ. 132 tal-proċess
[9] Paġ. 135 tal-proċess
[10] Paġġ. 143 – 6 tal-proċess

ma setgħux jaslu biex jaqblu bonarjament. Minbarra dan, l-imħarrek Anthony Cascun jgħid li dak kollu li jinsab f'idejh mill-wirt tal-ġenituri tiegħu ġara minħabba li hu kien inħatar eżekutur testamentarju tal-wirt u kien għalhekk biss li żamm xi ħwejjeġ f'idejh;

Illi mill-fatti ewlenin li joħorġu mill-atti jirriżulta li missier u omm il-partijiet kienu Salvatore Cascun u martu Antonia mwielda Magro. Huma mietu t-tnejn f'medda ta' disa' (9) xhur minn xulxin: l-ewwel ma miet kien il-missier, fl-4 ta' Jannar, 1987, u mbagħad l-omm fis-7 ta' Settembru tal-istess sena. Huma kellhom sebat (7) ulied – il-partijiet f'din il-kawża – u l-wirt tagħhom għadda bis-saħħa ta' żewġ testmenti *unica charta* ippubblikati fid-9 ta' Mejju, 1979[11] u s-6 ta' Marzu, 1986[12] rispettivament. Fl-ewwel wieħed, ħallew lil uliedhom kollha bħala werrita universali tagħhom f'ishma ndaqs; filwaqt li fit-tieni, neħħew il-klawsola fejn kienu taw l-użufrutt lil dawk uliedhom li ma kinux għadhom iżżewġu saż-żmien tal-ewwel testment, u ħallew lil binhom l-imħarrek Anthony prelegat ta' mitt lira (Lm 100) bħala kumpens għas-serviġi li kien jagħtihom, u ħatru lill-istess binhom bħala eżekutur testamentarju tal-wirt rispettiv tagħhom;

Illi l-ġid tal-wirt tal-imsemmija miżżewġin Cascun inkiseb kollu matul iż-żwieġ tagħhom. Ġidhom kien regolat bis-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti. Jirriżulta li, minbarra l-ġid mobbli, hemm tliet biċċiet art (kollha fil-limiti tas-Siġġiewi) li t-tlieta li huma jinsabu mqabbla lil tnejn mill-atturi. L-imħarrek Anthony Cascun kien inħatar ukoll prokuratur ta' ħutu dwar il-likwidazzjoni tal-wirt. F'din il-kapaċita' fl-1988[13] hu kien żbanka flejjes li kien hemm depożitati f'bank kummerċjali li b'kollox kienu jilħqu s-somma ta' tlitt elef mitejn u tlieta u sittin liri Maltin (Lm 3,263). Dawn il-flus tqegħdu mill-imħarrek Anthony Cascun f'kont bankarju *Savings* intestat fuq ismu f'fergħa ta' bank kummerċjali ieħor f'Ħal Qormi[14]. L-imħarrek kien ukoll biegħ *television* għas-somma ta' madwar mitejn u ħamsin lira (Lm 250), liema rikavat tqiegħed ukoll fl-

---

[11] Dok "A" f'paġġ. 7 – 10 tal-proċess
[12] Dok "B" f'paġġ. 12 – 3 tal-proċess
[13] Dokti "Ċ" u "CB1", f'paġġ. 13 u 77 – 8 tal-proċess
[14] Dokti "APF1" u "CB3" u "CB4", f'paġġ. 71 u 79 – 80 tal-proċess

imsemmi kont bankarju[15]. Minbarra dan, l-imħarrek ġabar is-somma ta' tnejn u erbgħin lira (Lm 42) bħala qbiela mingħand tnejn minn ħutu l-atturi Effie u Pawlu. Dan iġib li kull sehem lil kull wieħed u waħda mill-partijiet jitla' għal erba' mija u erbgħa u disgħin lira (Lm 494), flimkien mal-imgħaxiet miġmugħin fuqhom, wara li jitnaqqas il-prelegat ta' Lm 100 imħolli lill-imħarrek Anthony Cascun;

Illi l-perit tekniku mqabbad mill-Qorti, wara li fisser il-ġid li ra u l-kondizzjonijiet partikolari ta' kull wieħed, wasal għall-fehma li l-ġid li hemm fil-wirt seta' jinqasam bla xkiel b'mod li kull parti jkollha sehem minnu, għalkemm bil-ħtieġa li ssir ekwiparazzjoni "ta' entita' ferm żgħira". Huwa wasal għall-fehma li kull sehem kellu jieħu b'kemm jiswa elf tliet mija u tmienja u disgħin lira (Lm 1,398) f'ġid, b'żieda mas-sehem mill-iżbanki fuq imsemmija. Huwa ħejja pjan ta' qasma li, madankollu, kien jitlob li l-atturi Epifanio *sive* Effie Cascun u Pawlu Cascun jirrinunzjaw għall-qbiela fuq il-porzjonijiet ta' art li huma kellhom f'idejhom;

Illi fid-dar fejn kienu jgħixu l-ġenituri tal-partijiet – jiġifieri l-fond 187, Triq Santa Margerita, fis-Siġġiewi – kien hemm ukoll l-għamara u ġid ieħor li kien jgħammar l-istess dar[16]. Dan il-ġid ingħata valur ta' elf u ħamsa u tletin lira (Lm 1,035) mill-istimatur maħtur mill-Qorti. Dan iġib li kull sehem lil kull wieħed u waħda mill-partijiet jitla' għal mija u tmienja u erbgħin lira (Lm 148);

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u> li jintrabtu ma' din il-kawża għandhom jirrigwardaw l-aktar il-mod xieraq kif imissha ssir il-qasma talġid komuni li l-partijiet għad għandhom bejniethom. Jidher li, għalkemm għall-bidu l-kawża kienet qegħda titmexxa b'ħeffa biex issir il-likwidazzjoni tal-ġid komuni, il-proċess tmewwet għal żmien twil minħabba l-kwestjoni tal-istima tal-ħwejjeġ mobbli li kienu jinsabu fid-dar tal-ġenituri. Il-perizja dwar dan il-ġid ħadet qrib għaxar snin biex tlestiet;

[15] Xhieda ta' Anthony Cascun 11.6.1997, f'paġ. 90 tal-proċess
[16] Dokti "ECZ1" sa "ECZ3", f'paġġ. 55 sa 60 tal-proċess

Illi mill-prinċipji ewlenin li jirregolaw il-qsim ta’ wirt, wieħed jislet ir-regola li l-qasma tal-ġid għandha ssir kif trid il-liġi. F’azzjoni għall-qasma tal-ġid li ġej minn wirt (magħrufa bħala l-*actio familiae erciscundae*), il-liġi[17] tordna li għandhom jitħarsu r-regoli tal-qasma tal-beni in komun u tal-liċitazzjoni, fejn ikun il-każ. Fost il-prinċipji li jirregolaw il-qasma ta’ ġid in komun, wieħed isib li (a) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd li jitlob li jinħall mill-komunjoni ta’ ġid ma’ ħaddieħor[18], ċkejken kemm ikun ċkejken sehemu minn dak il-ġid[19]; (b) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta’ ġid *in natura*[20]; (ċ) f’kull sehem għandha tiddaħħal l-istess kwantita’ ta’ mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur[21]; u (d) li l-ishma hekk formati għandhom, bħala regola, jittellgħu bix-xorti jekk l-ishma li jkunu qegħdin jinqasmu jkunu ndaqs[22]. Jibqa’ l-fatt li kull każ ikollu l-fattispeċi tiegħu b’mod li “kull każ irid jiġi eżaminat singolarment fil-meriti tiegħu proprji”[23];

Illi fi kwestjonijiet ta’ qasma ta’ wirt u jekk il-ġid jistax jinqasam materjalment mingħajr diskapitu, huwa stabilit li għandu jittieħed qies tal-valur tal-ishma fil-waqt li fih tinfetaħ is-suċċessjoni, għaliex huwa dak il-waqt li jnissel l-istat tal-komunjoni li jagħti lok għall-jedd li wieħed jitlob il-qasma[24];

Illi minbarra dan il-liġi trid li, meta wieħed jiġi biex jifforma u jqassam ishma, għandu jevita li jifred il-fondi fi bċejjeċ jew li joħloq servitujiet u għandu jfittex li jdaħħal f’kull sehem l-istess kwantita’ ta’ ħwejjeġ mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess għamla u valur[25]. Il-liġi tistabilixxi wkoll[26] li r-regola ewlenija fil-qasma ta’ ishma f’wirt hi li dawk l-ishma jittellgħu bix-xorti, u huwa biss fil-każ li l-ishma m’humiex indaqs jew jekk il-partijiet kollha jaqblu li l-qasma għandha ssir b’assenjazzjoni[27];

---

[17] Art. 907 tal-Kap 16
[18] Art. 496(1) tal-Kap 16
[19] P.A. TM **20.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Ellul et vs Vinċenza Cassar et***
[20] Art. 502 tal-Kap 16
[21] Art. 504 tal-Kap 16
[22] Art. 510(1) tal-Kap 16
[23] P.A. PS **30.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Camilleri noe vs Amy Baldacchino et***
[24] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Melkisedek Deguara vs Rose Calleja et***
[25] App. Ċiv. **17.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Randon noe vs Ebejer et*** (Kollez. Vol: **XLV.i.98**)
[26] Art. 510 tal-Kap 16
[27] P.A. **30.7.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1083**)

Illi dwar il-kwestjoni ta’ jekk il-ġid għandux jinqasam bix-xorti jew inkella b’assenjazzjoni (jew b’attribuzzjoni) jeħtieġ li jingħad li fejn l-ishma huma ndaqs, il-qasma ssir billi jittellgħu ix-xorti. Għalkemm hemm fehmiet li jgħidu li tali regola m’hijiex inflessibbli[28], jidher li l-leġislatur irid li sakemm ma jkunx hemm il-qbil tal-komproprjetarji kollha u l-ishma jkunu ndaqs, m’għandhiex issir il-qasma bl-assenjazzjoni[29]. Jidher li din ir-regola tal-liġi m’hijiex fakoltativa imma tassativa[30];

Illi bħala raġunijiet ewlenin imressqa ’l quddiem biex jiġġustifikaw is-siwi tal-imsemmija regola wieħed isib l-argument li t-tlugħ tax-xorti (a) jimmira li jżomm lil kulħadd indaqs bla ma ħadd ikollu l-favur tal-vantaġġ jew l-għażla; u (b) tali proċess jitqies bħala l-aqwa garanzija tal-imparzjalita’, u huwa għalhekk li l-leġislatur jiddispensa minnha biss fil-każ fejn l-ishma ma jkunux indaqs. B’żieda ma’ dan, l-ebda ġudikant ma għandu jieħu fuqu r-responsabbilta’ li “jikkostitwixxi ruħu għal-liġi” billi, taħt ix-xeħta tal-ekwita’ jew tal-prattiċita’, jattribwixxi lil xi waħda mill-partijiet kondividenti vantaġġ li jista’ jkun ta’ ħsara jew preġudizzju għal xi parti kondividenti oħra. Huwa minħabba f’hekk ukoll li huwa stabilit li, fejn l-ishma jkunu ndaqs, l-assenjazzjoni ssir biss jekk issir talba f’dan is-sens mill-komproprjetarji kollha għaliex, f’każ bħal dan, il-fehma u r-rieda waħdanija tagħhom tikkostitwixxi d-disponibilita’ tagħhom ilkoll għal qasma b’dak il-mod;

Illi, f’dan il-każ, il-Qorti ssib li jkun xieraq li żżomm mar-regola fuq imsemmija u tordna li l-ishma jittellgħu bix-xorti;

Illi f’din il-kawża joħroġ ukoll li xi wħud mill-partijiet qegħdin iżommu f’idejhom il-ġid tal-wirt. Hekk, l-attur Effie Cascun baqa’ jżomm f’idejh id-dar fejn kienu jgħixu missieru u ommu u għalhekk għandu l-għamara u t-tagħmir kollu tad-dar taħt il-kontroll tiegħu. Jidher ukoll li l-istess attur u ħuh Paul kellhom il-qbiela tat-tliet biċċiet art agrikola li jagħmlu l-ġid immobbiljari tal-wirt. Mn-naħa

---

[28] Fadda Commentario sulle Leggi Civili, art. 993-6

[29] Ara, P.A. **30.7.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1083**)

[30] P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Stella Scicluna vs Carmel Grech pro et noe et***

tiegħu, l-imħarrek Anthony Cascun għandu f'idejh il-flejjes żbankati mill-kontijiet li kienu intestati f'isem il-ġenituri, u saħansitra uża minnhom għalih wara l-mewt tal-ġenituri (għalkemm jgħid li minn dak li ħa, reġa' qiegħed lura ammont indaqs xi żmien wara). Ma jidhirx li d-dar fejn kienu jgħixu l-ġenituri tal-partijiet kienet tagħhom, u, f'kull każ, ma tinsabx imsemmija bħala parti mill-ġid ereditarju li għandu jinqasam;

Illi minn dawn il-kostatazzjonijiet irid jingħad li l-fatt waħdu li xiħadd mill-werrieta ikollu f'idejh xi biċċa mill-ġid (wirt) li jrid jinqasam ma jagħtihx awtomatikament xi jedd ta' prelevament jew preferenza li, fil-qasma, dak il-ġid sejjer jingħata lilu jew lilha[31]. Marbut ukoll ma' din il-konsiderazzjoni wieħed isib il-prinċipju li fejn fond li jagħmel parti minn wirt li għandu jinqasam ikun miżmum (kemm minn werriet ieħor u kif ukoll minn terza persuna) b'titolu ta' lokazzjoni, il-qasma ma ttemmx dik il-kirja, imma l-fond jgħaddi għand il-ko-werriet b'dak il-jedd b'kollox[32]. Dan qiegħed jingħad minħabba li, fil-premessi tal-kawża, l-atturi jistqarru li t-tliet għelieqi jinsabu mqabblin lil tnejn minnhom. L-imħarrek Anthony Cascun xehed ukoll li, għal xi żmien wara l-mewt tal-ġenituri tiegħu, kien jirċievi l-imsemmija qbiela mingħand ħutu Effie u Pawlu. Madankollu, jidher li meta l-perit tekniku ġie biex ifassal il-pjan tal-qasma, qies li l-imsemmija tliet porzjonijiet art kellhom ikunu ħielsa minn kull okkupazzjoni. Mhux hekk biss, imma huwa wera l-fehma[33] li ma setax jilqa' s-suġġeriment magħmul mill-attur Effie Cascun[34] li hu u ħuh Pawlu jibqgħu jżommu l-għelieqi f'idejhom sakemm jinħarġu l-permessi għall-iżvilupp. Mill-atti tal-kawża jidher li l-atturi (l-aktar dawk interessati Effie u Paul Cascun) aċċettaw li l-għelieqi ma jibqgħux jitqiesu mqabblin iżjed u li huma disponibbli għall-qasma minnufih;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qegħda tadotta l-pjan ta' qasma suġġerit mill-perit tekniku fir-relazzjoni tiegħu, billi dan il-pjan iqarrab sewwa għal

[31] P.A. PS **27.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Abela pro et noe vs Joseph Abela noe et***
[32] P.A. PS **16.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Paċe et vs Maria Melita Cachia et***
[33] Par. 11 tar-Relazzjoni f'paġġ. 36 – 7 tal-proċess
[34] Paġ. 43 tal-proċess

qasma ndaqs b'ġid tal-istess għamla f'kull sehem u billi wkoll l-ammont ta' ekwiparazzjoni huwa żgħir;

Illi, billi rriżulta wkoll li, matul iż-żmien li kienet għaddejja l-kawża u wara li l-perit tekniku kien ressaq ir-rapport tiegħu, l-attur Paul Cascun tella' xi benefikati fuq art miżmuma minnu. Fid-dawl tad-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-18 ta' Jannar, 2002[35], din il-Qorti hija tal-fehma li kull benefikat bħal dan (imtella' bla ebda jedd) jaċċedi għall-ġid li ttella' fuqu bla jedd ta' kumpens lill-istess attur imsemmi;

Illi mill-provi miġjuba, ma saret l-ebda allegazzjoni li xi parti mill-ġid li ssemma kien ġid partikolari ta' xi wieħed mill-ġenituri tal-partijiet. Dan iwassal lill-Qorti biex tifhem li l-ġid kollu – mobbli u immobbli – kien sar matul iż-żwieġ tagħhom, u għalhekk kien kollu jagħmel mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom, u dan ukoll bi tħaddim tal-preżunzjoni maħsuba fl-artikolu 1321(1) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi, minbarra dan, minħabba l-fatt li omm il-partijiet mietet imqar seba' xhur wara żewġha, u fid-dawl tad-dispożizzjonijiet testamentarji komuni li ż-żewġ ġenituri ħallew biex jirregolaw il-wirt tagħhom, din il-Qorti ma tarax il-ħtieġa (għall-finijiet tal-ewwel talba attriċi) li taqsam u tillikwida l-ġid ta' kull wieħed mill-ġenituri tal-partijiet separatament, imma tqis kollox bħala massa ereditarja waħda u tgħaddi biex taqsam dak il-ġid skond il-prinċipji hawn fuq imfissrin u skond il-fehmiet tal-esperti tekniċi maħturin f'din il-kawża;

Illi dwar il-ġid mobbli, kulma ngħatat il-Qorti kien stima tal-valur attwali ta' dak li hemm fid-dar tal-ġenituri. Bosta mill-oġġetti m'għandhom siwi ta' xejn u ftit hemm oġġetti li għandhom xi preġju rilevanti. F'kull każ, il-Qorti hija tal-fehma li l-partijiet għandhom meżżi biżżejjed biex dak il-ġid mobbli jqassmuh f'sebat (7) ishma li l-valur tagħhom ikun iqarrab il-medja msemmija aktar qabel (ta' Lm 148), għalkemm min se' jmissu l-gradenza antika tal-kawba (bl-

[35] Paġ. 122 tal-proċess

irħama u l-ħames kxaxen) u min se’ jmissu ż-żewġ bozoz antiki, ikun irid jagħmel ħlas fi flus b’ekwiparazzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa’ l-ewwel talba attriċi** u qegħda tillikwida l-ġid ta’ Salvatore u Antonia miżżewġin Cascun, ġenituri tal-partijiet, fil-ġid li ġej (a) il-flus depożitati fil-kont bankarju *Savings* intestat f’isem l-imħarrek Anthony Cascun fil-fergħa ta’ Ħal Qormi tal-HSBC Bank Malta p.l.c., bl-imgħaxijiet miġmugħin fuq dawk il-fondi sal-jum tal-qasma effettiva; (b) l-ġid mobbli, konsistenti f’għamara, *appliances* u ħwejjeġ oħra kif imfissra u stmati fir-rapport tal-istimatur Joseph Sammut tal-valur komplessiv ta’ elf u ħamsa u tletin lira Maltija (Lm 1,035)[36]; u (ċ) fil-ġid immobbli, konsistenti fi tliet għelieqi, fil-limiti tas-Siġġiewi, u kif deskritti u stmati fir-rapport tal-perit tekniku l-arkitett Michael Anġelo Refalo, u magħrufin rispettivament bħala (i) “Tal-Providenza” tal-kejl ta’ 1716.86 metri kwadri u bil-benefikati mibnijin fuqha u stmata li tiswa ħamest elef mitejn u tmienja u ħamsin lira (Lm 5,258)[37], (ii) “Tal-Lewża” *sive* “Ta’ Sliba” tal-kejl ta’ 1143.87 metri kwadri u bil-benefikati mibnijin fuqha u stmata li tiswa erbat elef mitejn u tmienja u sittin lira (Lm 4,268)[38] u (iii) “Ta’ San Dawdar” tal-kejl ta’ 291.98 metri kwadri u stmata li tiswa mitejn u sittin lira (Lm 260)[39];

Għall-finijiet tat-**tieni talba** tiddikjara li l-ġid hawn fuq imsemmi jista’ jinqasam bejn il-partijiet f’ishma ndaqs bla xkiel u għalhekk tordna li din il-qasma ssir skond il-pjan imfassal mill-imsemmi perit tekniku fir-rapport tiegħu, li għandu jitqies bħala parti integrali mid-dispożittiv ta’ din is-sentenza, u bit-tlugħ tax-xorti, liema proċess jgħodd ukoll għall-ġid l-ieħor mobbli li bih kienet mgħammra d-dar tal-ġenituri tal-partijiet;

Għall-finijiet tat-**tieni talba** wkoll u minħabba li fost il-ġid li jmissu jinqasam hemm ġid immobbli, u billi l-Qorti

[36] €2,410.90
[37] €12,247.85
[38] €9,941.80
[39] €605.60

għandha f'kull każ tagħti l-provvedimenti meħtieġa biex id-deċiżjonijiet tagħha jistgħu jitwettqu kif imiss, tordna li l-att nutarili meħtieġ ikun ippubblikat min-Nutar Dottor Henri Vassallo, fil-bini tal-Qorti f'jum u ħin li tiffissa din il-Qorti fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet jew tal-imsemmi Nutar Pubbliku, wara li jsiru l-pratiki kollha meħtieġa biex tkun tista' ssir l-imsemmija pubblikazzjoni.  Il-Qorti qegħda taħtar ukoll lill-Avukat Dottor Phyllis Farruġia biex tidher għall-eventwali kontumaċi;

**Tilqa' t-tielet talba** u tordna lill-imħarrek Anthony Cascun sabiex, wara li jaqta' l-ammont imħolli lilu bi prelegat mill-istess ġenituri tiegħu, iħallas lil kull wieħed u waħda mill-partijiet l-oħrajn waħda minn seba' ($^{1}/_{7}$) partijiet ta' kull ammont (magħdud miegħu kull imgħax miġmugħ) li jagħmel parti mid-depożitu bankarju miftuħ wara li ġew żbankati l-flejjes depożitati f'isem il-ġenituri tal-partijiet wara mewthom; u

Tordna li l-**ispejjeż tal-kawża**, u kif ukoll dawk marbutin mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' qasma, jinqasmu bejn il-partijiet skond l-ishma rispettivi tagħhom fil-wirt.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------